

# Sittin Sena mis-sehem tal-Banda San Pietru fil-Festa Titulari

Kif jixhed l-annu li jinsab fuq l-emblema tas-Soċjetà, l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, ġiet imwaqqfa fl-1957 wara diversi movimenti minn bosta żgħażagħ li kienu bdew ftit snin qabel. Il-Banda San Pietru għamlet l-ewwel dehra pubblika tagħha nhar il-Ħadd 25 ta' Awwissu tal-1957, meta dakinhar għamlet marċ madwar it-toroq prinċipali tar-raħal u wara sar programm mużikali fuq planċier li kien armat quddiem il-każin fil-Bajja s-Sabiħa. Però wieħed malajr jista' jinnota li għad li din il-Banda twaqqfet bil-għan li tipparteċipa fil-festa titulari ta' San Pietru, però d-debut tagħha ma sarx fil-festa ta' dik is-sena li ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 4 ta' Awwissu. Dan għall-fatt li l-Banda ma kinetx organizata biżżejjed u għalhekk l-ewwel dehra tagħha saret propju tliet ġimgħat wara. Minkejja dan, ix-xatt tal-Bajja s-Sabiħa xorta waħda kien armat daqs li kieku kien jum il-festa titulari.



*L-Ewwel Bandisti tas-Soċjetà*

B'hekk il-Banda San Pietru għamlet l-ewwel dehra tagħha fil-festa titulari tas-sena 1958, sittin sena ilu. It-tagħlim tal-mużika lill-allievi kien qabad sew, fejn dan kien isir fil-kamra tal-pjanċi li sal-lum għadha teżiżti fuq il-bejt tal-każin tal-*'Birzebbuga St. Peter's FC.'* L-entużjażmu kien kbir u sal-ewwel xhur tal-1958 l-għadd tal-membri kien jaqbeż il-mitejn. Il-kumitat kien anke kompla jarma l-istrumentatura sabiex jagħmlu użu minnha l-għadd ġmielu ta' allievi li kienu qed jitħarġu fil-mużika mingħand l-ewwel surmast li kellha l-Banda Profs Carlo Zammit u l-ewwel assistent surmast is-Sur Emmanuele Galea. Hekk kif bdiet toqrob il-festa, il-kumitat beda jaħseb sabiex il-Banda San Pietru ddoqq għall-ewwel darba fil-festa titulari. Għalhekk kien sar librett ġdid tal-marċi għall-bandisti kif ukoll inxtraw



***Il-faccata tal-Football***

diversi kotba tal-mużika. F'dik is-sena l-Banda San Pietru tat lir-raħal l-ewwel frott tagħha, meta ħarġet l-ewwel allievi jdoqqu bħala bandisti ġodda. Dawn kienu Toni Tabone (kurunetta), Charlie Grixti (kurunetta), Jimmy Gauci (kurunetta), Lorry Gauci (klarinett), Anthony Wait (klarinett), Karmenu Grima (klarinett), Edgar Attard (kurunetta) u Ġanni Falzon (ewfonju).

B'hekk, propju lejliet il-festa, nhar is-Sibt 2 ta' Awwissu, il-Banda San Pietru ħadet sehem għall-ewwel darba fil-festa titulari tal-Patrun tagħha. Dakinhar il-Banda San Pietru taħt id-direzzjoni ta' l-ewwel surmast tagħha Profs. Carlo Zammit, kienet għamlet marċ madwar it-toroq prinċipali tar-raħal, u wara tellgħet programm mużikali fuq planċier li għal darb'oħra kien armat quddiem il-każin fil-Bajja s-Sabiħa. Il-parruċċani kienu attendew bi ħġarhom u akkumpanjaw lill-Banda tagħhom tul il-marċ u l-programm. Dan il-programm baqa' jinżamm bħala appuntament ta' kull sena lejliet il-festa titulari, fejn ftit snin wara l-planċier beda jiġi armat quddiem fejn illum hemm l-għassa tal-pulizija. Dan il-planċier kien jinġieb miż-Żurrieq u l-għada, propju f'jum il-festa, il-Banda Santa Katarina tal-istess raħal kienet iddoqq minn fuqu.

Iż-żmien jgħaddi u llum wara sittin sena kemm il-festa titulari kif ukoll il-Banda San Pietru huma ferm differenti minn kif kienu dak iż-żmien. Xieraq għalhekk li nfakkru l-memorja ta' dawk il-personaġġi li ħadmu propju fl-ewwel snin tas-Soċjetà, li fil-limitazzjonijiet kollha li kellhom taw l-ewwel nifs lil din l-ewwel banda u skola tal-mużika fir-raħal tagħna.

*Tagħrif miġbur minn Ivan Zammit u li ġie meħud mill-ktieb 'Nofs Seklu ta' Mixja Muzikali' ppublikat fl-2007 fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen.*



***Il-Banda San Pietru għadejja mix-Xatt fl-1958.***